# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 138/2020 RM**

**L-Avukat Dottor Jason Azzopardi**

**-Vs-**

**Vincent Borg**

**Illum, 3 ta' Mejju, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Awwissu 2020 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut:

1. prevja dikjarazzjoni illi huwa tella' fuq is-sit socjali Facebook fil-5 ta' Awwissu 2020, li permezz taghha mmalafama lill-esponenti billi attakkalu l-integrita', l-unur u r-reputazzjoni tieghu, kemm personali u kemm professjonali, u dan billi esponieh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku, permezz ta' allegazzjonijiet u/jew insinwazzjonijiet ghal kollox invertieri u foloz kif ser jigi ppruvat; u

2. Jhallas lill-esponenti l-massimu kontemplat fl-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta bhala danni morali u/jew reali in riparazzjoni tal-malafama li hu sofra b'konsegwenza tal-post fuq imsemmija, liema post kellha l-ghan li ttellef u tnaqqas ir-reputazzjoni, l-integrita' u l-unur tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

B'applikazzjoni tal-Art. 14 tal-Kap. 579, il-Qorti hija umilment mitluba tordna lill-konvenut inehhi l-pubblikazzjoni malafamanti mis-sit elettroniku fejn giet pubblikata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Vincent Borgipprezentata nhar id-19 ta' Ottubru 2020 fejn espona bir-rispett illi t-talba tal-attur hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok, l-indikazzjoni ta' l-intimat fil-vesti tieghu personali huwa erronei stante illi kull diskors u kull allegazzjoni vantata dejjem saret fil-konfront tieghu fil-vesti ta' rapprezentant ta' sezzjoni ta' membri fi hdan il-Partiti Nazzjonalista u qatt ma kienet personalment.*
2. *Illi fit-tieni lok, u bla ebda pregudizzju ghall-premess fl-ebda hin u fl-ebda moment l-allegat attur ma ghamel stat ta' fatt izda kull ma ghamel kienet mistoqsija legittima.*
3. *Illi fit-tielet lok, u bla ebda pregudizzju ghall-premess ma saret l-ebda allegazzjoni jew insinwazzjoni allegatament malafamanti u libelluz, izda saret biss mistoqsija legittima.*
4. *Illi fir-raba' lok u bla ebda pregudizzju ghall-premess, il-kliem 'working girl' ma tistax tigi interpretata bhala insinwazzjoni malafamanti u libelluz.*
5. *Illi fil-hames lok, u bla ebda pregudizzju ghall-premess l-esponenti ghamel uzu mid-dritt tal-liberta' tal-espressjoni, ben sancit u protett fl-Artikolu 41*

*tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-Ligijiet taghna mill-Kapitolu 319, Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.*

6. *Illi fi sitt lok, u bla ebda pregudizzju ghall-premess, l-mistoqsija in kwistjoni hija wahda ta' natura socjali u politika, rigwardanti politikant u ghalhekk ta' interess pubbliku.*
7. *Illi fis-seba' lok, u bla ebda pregudizzju ghall-premess il-mistoqsija legittima li staqsa l-esponenti tirrivolvi madwar politika li huwa aktar suxxetibbli ghall-kritika u skrutinju aktar harxa minn cittadin ordinarju.*
8. *Illi fit-tmien lok u bla ebda pregudizzju ghall-premess, il-mistoqsija li staqsa l-esponenti hija kwistjoni ta' interess pubbliku u politiku, u kwalsijasi limitazzjonijiet ghat-tali jedd jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, ossija d-dritt tal-liberta tal-espressjoni u l-liberta' gurnalistika in generali.*
9. *Illi fid-disa' lok u bla ebda pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti ghandu f'kull kaz jipprova l-hsara li huwa sofra ghar-reputazzjoni tieghu in bazi tal-kumment mtellgha fuq is-sit socjali Facebook allegatament malafamanti u libelluz;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Semghet lill-partijiet jiddikjaraw fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2020 illi mhumiex disposti li jghaddu minn process ta' medjazzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 10 tal-Kap. 579 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti esebiti ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet tramite link ta' konferenza bil-vidjo a tenur tal-Artikolu 199A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat l-atti kollha ;

Semghet lill-partijiet jiddikjaraw li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza ;

Rat illi l-kawza kienet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-istqarrija li hija impunjata mill-attur f'din il-kawza hija dik li tifforma parti minn *post* li l-konvenut tella' fuq il-pagna tal-Facebook tieghu, liema *post* gie esebit bhala Dok. A anness mar-Rikors promotur. Din l-istqarrija, li hija biss parti mill-post ippubblikat mill-konvenut, taqra hekk:-

"*-Dear Dr. J. Azzopardi did you ever use Portomasso to meet with a working girl? Just to remind you.*
*These questions I ask in the name of the members of PN.*"

L-attur fix-xhieda tieghu jsostni illi ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi l-mistoqsija maghmula fil-*post* tal-konvenut lil certu "Dr. J Azzopardi" giet indirizzata lilu ghaliex fiz-zmien li gie ppubblikat dan il-*post*, il-Partit Nazzjonalita kien ghaddej minn process ta' elezzjoni ghall-hatra ta' Kap tal-Partit u d-domandi li saru f'dan il-*post* gew indirizzati lill-grupp ta' membri parlamentari tal-Partit Nazzjonalista li dak iz-zmien kien qed jissejjah "*grupp ta' ribelli*" u "*seventeen blue heroes*". Dan ghaliex, kif spjega l-attur, il-membri ta' dan il-grupp, fosthom l-attur innifsu, Claudette Buttigieg u Karl Gouder - li wkoll gew indirizzati lilhom mistoqsijiet mill-konvenut fil-*post* impunjat - kienu wrew nuqqas ta' qbil ma' certu stat ta' fatt fi hdan l-istess Partit. L-attur jikkontendi li huwa fatt notorju li huwa kien jifforma parti minn dan il-

grupp ta’ membri parlamentari u ma hemm hadd iktar f’dan il-grupp bl-isem Dr. J. Azzopardi. Kemm hu hekk, huwa rceiva numru ta’ messaggi sija minghand kostitwenti tieghu u sija wkoll minn kollegi tieghu fil-grupp parlamentari tal-Partit b’referenza ghall-*post* tal-konvenut, fejn dawn il-persuni wkoll assocjawh bhala l-“*Dr. J. Azzopardi*” imsemmi fl-istess *post*.

L-attur xehed ukoll li r-referenza ghal “*working girl*” fil-mistoqsija indirizzata lilu mill-konvenut, ma hija xejn ghajr “*common parlance”* ghall-kelma “*prostituta*”. Hu jichad kategorikament illi qatt iltaqa’ ma’ persuna li hija prostituta la gewwa Portomaso u lanqas f’*post* iehor Malta jew barra. Isostni li l-mistoqsija li giet indirizzata lilu hija kjarament mahsuba biex timputa lilu stat ta’ fatt liema imputazzjoni, madanakollu, hija kompletament falza: “*gidba fahxija*”. Huwa hassu malafamat b’din il-mistoqsija li giet ippubblikata mill-konvenut ghaliex l-insinwazzjoni li huwa ltaqa’ ma’ prostituta hija ingurjuza *multo magis* ghaliex din saret fil-forma tal-mistoqsija.

Il-verzjoni tal-konvenut, kif jirrizulta mix-xhieda tieghu[1], hi li huwa ghamel tlettax-il mistoqsija, waħda minnhom lill-Onorevoli Jason Azzopardi, u dawn il-mistoqsijiet ghamilhom bhala membru tal-Partit Nazzjonalista li ghandu dritt jistaqsi ċertu mistoqsijiet. Ikkonferma li l-mistoqsija impunjata giet ippubblikata fuq il-pagna personali tieghu ta’ Facebook u filwaqt li Claudette Pace wiegbet ghall-mistoqsija tieghu, l-attur minflok wiegeb, fetah din il-kawza ta’ libell. Il-konvenut fisser ukoll illi dak iz-zmien kien hemm oppozizzjoni interna fil-Partit kontra l-Kap Adrian Delia u wiehed mill-membri parlamentari li kienu opposti ghalih kienet l-Onorevoli Dr Azzopardi.

Kwantu ghad-domanda li hija l-mertu tal-kawza, il-konvenut xehed illi huwa staqsa lill-attur: “*Isma’, inti qatt mort il-Hilton u tkellimt jew, jew mort tieħu kafè ma’ working woman?” Dak li staqsejt jien*.” Kompla jispjega li sussegwentement “*...wara*

[1] Xhieda tal-24 ta’ Frar 2021.

*ħareġ li mhux l-ewwel darba li l-Onorevoli Dr Jason Azzzopardi uża dawk, dawk il-lukandi. Jiġifieri dawn wara ħareġ bil-fatti.*"

Mistoqsi mill-Qorti jekk kien jaf b'xi fatti li wasslu biex jaghmel din il-mistoqsija lill-attur, huwa xehed hekk:-

*Vincent Borg:* *"Le just għamiltha jiena."*
*Maġistrat:* *"Just għamiltha hekk."*
*Vincent Borg:* *"Jien għamiltha bħal ma għamilt tal-oħrajn u kulħadd min tani risposta u min"*

In kontro-ezami l-konvenut xehed illi bil-kelma "*working girl"* huwa ma kienx qed jaghmel referenza ghal mara tax-xoghol izda kien qed jistaqsi jekk l-attur iltaqax ma' "*mara li tahdem hemmhekk* [fil-lukanda]" u sostna li ma kellu ebda skop meta ghamel id-domanda li qed tigi impunjata f'din il-kawza, izda d-domanda saret bhala "*kritika*" bhalma indirizza mistoqsijiet ohrajn lil Deputati Parlamentari ohrajn fil-*post* tieghu.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut jeccepixxi primarjament fir-Risposta tieghu illi huwa ma kellux jigi mharrek f'ismu personali ghaliex "*kull diskors u kull allegazzjoni vantata dejjem saret fil-konfront tieghu fil-vesti ta' rapprezentant ta' sezzjoni ta' membri fil-hdan il-Partit Nazzjonalista u qatt ma kienet personalment*". Ghalkemm din l-eccezzjoni kif postulata ftit taghmel sens, il-Qorti, fin-nuqqas ta' korrezzjoni jew kjarifika kwalsiasi da parti tal-konvneut, fehmet illi l-konvenut ried ifisser li huwa ma ghamilx l-allegazzjoni impunjata personalment izda bhala rapprezentant ta' sezzjoni ta' membri tal-Partit Nazzjonalista. Ghall-Qorti, dan ifisser li l-konvenut jichad li huwa l-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici.

Il-Qorti minnufih tqis li din l-eccezzjoni m'hijiex tajba. Qabel xejn, jigi osservat illi biex tirnexxi eccezzjoni bhal din, irid jintwera li l-konvenut m'huwiex persuna idonea

biex jirrispondi ghat-talbiet tal-attur ghaliex huwa nieqes kwalunkwe rapport guridiku bejnu bejn it-talbiet dedotti kontrih fl-azzjoni. Madanakollu, fil-kaz in dizamina l-Qorti tosserva li mhux talli ma jirrizulta minn imkien mill-provi l-ismijiet ta' dawk il-membri li l-konvenut allegatament agixxa ghan-nom taghhom meta ppubblika l-istqarrija impunjata, talli mkien ma gie eskluz mill-provi illi l-istqarrija saret ukoll ghan-nom tal-konvenut innifsu. Kemm hu hekk, il-konvenut afferma fix-xhieda tieghu li l-istqarrija impunjata giet mitkuba u ppubblikata minnu fuq il-pagna personali tieghu tal-Facebook.

Naturalment, il-piz tal-prova li l-konvenut ghamel din l-istqarrija f'isem haddiehor, tinkombi fuq l-istess konvenut li ghamel din l-allegazzjoni, izda l-Qorti, anke in vista tan-nuqqas assolut tal-konvenut li jissostanzja din l-eccezzjoni fosthom billi jressaq xi prokura jew mandat moghti mill-membri li allegatament awtorizzawh jaghmel id-domandi elenkati fl-istqarrija, ma hija affattu konvinta illi fic-cirkostanzi ma jezisti l-ebda ness guridiku bejnu u bejn il-pubblikazzjoni impunjata. Ghall-kuntrarju, galadarba jezisti ness manifest bejn il-konvenut u l-istqarrija impunjata f'din l-azzjoni, tqis illi l-istess konvenut huwa persuna idonea biex joqghod fil-gudizzju bhala kontradittur tat-talba attrici f'din l-azzjoni.

Il-Qorti tistenna illi min iressaq eccezzjoni, huwa fid-dmir li jipprova jissostanzjah b'mod serju u jressaq il-provi mehtiega in sostenn taghha jew altrimenti, jekk ikun jirrizulta matul is-smigh tal-proceduri li l-eccezzjoni m'ghandha l-ebda bazi legali jew fattwali jew addirittura tikkuntrasta max-xhieda tal-konvenut innifsu, din l-eccezzjoni tigi irtirata. Dan biex jitwarrab kull hsieb li l-konvenut ikun issolleva eccezzjonijiet fil-vojt semplicement biex jahli l-hin tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi skont kif jirrizulta mir-Risposta tieghu, fil-mertu l-konvenut jeccepixxi illi huwa ma ghamel l-ebda allegazzjoni jew insinwazzjoni malafamanti ghaliex il-kliem « *working girl* » m'humiex malafamanti jew libelluzi. Jikkontendi wkoll illi huwa

ghamel biss mistoqsija legittima li hija wahda ta' natura socjali u politika rigwardanti persuna politika u ghalhekk din tikkoncerna materja ta' interess pubbliku u politiku. Jesigi wkoll li ssir prova tal-hsara allegatament ikkagonata lir-reputazzjoni tal-attur.

Il-konvenut ma jikkontestax illi effettivament, il-mistoqsija indirzzata lil « Dr. J Azzopardi" fil-post in dizamina, kienet indirizzata lill-attur u l-Qorti wara li qrat il-pubblikazzjoni shiha, fehmet minghajr ebda diffikolta` li "Dr. J. Azzopardi" huwa l-attur u l-mistoqsija in dizamina giet indirizzata proprju lilu.

Il-Qorti ghandha qabel xejn tistabbilixxi jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzjoni li hi diffamatorja. Jibda biex jinghad li fl-istharrig tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx l-imputazzjoni li l-persuna aggravata tqis li huwa diffamatorju fil-konfront taghha, ghandu jigi stabbilit jekk persuna ordinarja u ragjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaci tifhem dik l-istqarrija bhala wahda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata. Fost il-principji applikabbli ghad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaci twassal l-imputazzjoni impunjata, id-decizjoni celebri **Jeynes v News Magazines Ltd**[2] elenka s-segwenti:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available ... (4) the intention of the publisher is irrelevant…*"

F'kull kaz huwa mholli lill-gudikant biex jiddetermina jekk il-kliem uzat huwiex kapaci, ragjonevolment, illi jwassal it-tifsira vantata mill-attur u jekk, f'kaz affermattiv, dik it-tifsira hijiex kapaci li titqies skont il-ligi bhala diffamatorja. F'kaz

[2] [2008] EWCA.

fejn il-kliem uzat fid-dikjarazzjoni impunjata jista' jaghti lok ghall-interpretazzjoni li qed issir imputazzjoni fil-konfront tal-persuna malafamata, jinghad illi:-

"*... **the question will be whether it is reasonably capable of conveying that imputation**. Logically anterior, therefore, to the question of whether the words are capable of being defamatory in law, is the question of what meaning the word or words are reasonably capable of bearing.*" [3] [emfasi tal-Qorti]

Applikat dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz li ghandha quddiemha, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu ragun l-attur meta jilmenta illi l-kelma "*working girl*" miktuba mill-konvenut fil-*post* in dizamina, tinftiehem bhala referenza ghal prostituta. Il-qarrej ordinarju malajr jifhem illi meta l-konvenut stqasa jekk l-attur qatt iltaqax ma' "*working girl*" gewwa Portomaso, huwa kien qed jinsinwa li l-attur iltaqa' ma' prostituta gewwa Portomaso.

Ghalkemm il-konvenut ipprova jiggustifika l-uzu ta' din il-kelma billi jghid li l-hsieb tieghu kien illi jistaqsi jekk l-attur iltaqax ma' "*mara li tahdem fil-lukanda*", il-Qorti filwaqt li taghmilha car minnufih li m'hija konvinta xejn b'din it-tezi, hija wkoll tal-fehma li dak li kellu f'mohhu l-konvenut meta kiteb din l-istqarrija u tellaghha fuq il-pagna tal-midja socjali tieghu, ma huwiex relevanti ghad-determinazzjoni tal-imputazzjoni li tkun qed tigi impunjata. **Tant hu hekk li tqis li din ix-xhieda tal-konvenut bhala inverosimili, intiza biex tghaddi biz-zmien lill-Qorti u ghalhekk il-Qorti tistmerr bl-iktar mod gravi din il-kondotta.**

Fir-rigward jinghad:-

"*As the test is an objective one, evidence as to how a statement was actually understood by its recipients is irrelevant in determining the imputation or imputations conveyed by the statement and thus inadmissible. What the publisher intended to*

[3] Gatley On Libel and Slander [2013 Ed.], p. 113.

*convey by the statement is equally irrelevant in determining the imputations in fact conveyed.”*[4]

Il-qarrej ordinarju, specjalment il-qarrej ta' *post*s li jittellghu fuq pagni ta' midja socjali, zgur ma joqghodx ifittex id-definizzjoni lingwistika korretta tal-kelma jew jipprova jidhol f'mohh l-awtur biex jifhem x'ried verament ifisser, izda jislet il-kuntest mill-isfond tal-pubblikazzjoni mehuda komplessivament. Huwa risaput ukoll illi l-imputazzjoni ma ghandhiex necessarjament tkun wahda espressa jew diretta: implikazzjoni ta' imputazzjoni hija bizzejjed purche` din tinftiehem mill-pubblikazzjoni nnfisiha, minghajr sforz u tigbid ta' interpretazzjoni mill-qarrej ordinarju u minghajr htiega ta' gharfien specjali, referenza ghal xi fatti li ma jirrizultawx mill-istess pubblikazzjoni jew xi spjegazzjoni sussegwenti.

Huwa ovvju ghal min jaqra l-*post* in dizamina fl-intier tieghu, illi permezz tas-sensiela ta' domandi li l-konvenut indirizza lil uhud mill-membri parlamentari tar-“*rebels group*” - li fi kliemu stess iridu jiddistruggu lil Adrian Delia - huwa ried iqanqal kontroversja politika billi jaghmel allegazzjonijiet li, jekk jirrizultaw fl-affermattiv, ipoggu lil dawn il-Membri Parlamentari f'pozizzjoni politika skomda. Il-Qorti fehmet minghajr ebda diffikolta` li t-tir tal-*post* tal-konvenut hu evidentement li jniggez lill-Membri Parlamentari li lilhom gew indirizzati individwalment il-mistoqsijiet maghmula, bhala turija ta' appogg ghal Adrian Delia. Dan hu car mill-parti tal-*post* fejn il-konvenut jiddikjara illi « *I cannot be a part of these rebels group, there* [*sic.*] *only agenda is to destroy Adrian Delia. They are traitors*.” **Fil-kaz tal-attur hu evidenti li l-mistoqsija lilu indirizzata, meta titqieghed fl-isfond tal-mistoqsijiet li saru lill-Membri Parlamentari l-ohrajn fl-istess *post* tal-konvenut, ma jibqaghlha l-ebda skop jew valur jekk jitnehha s-sens ewfemistiku tal-kelma *working girl* biex din tinghata t-tifsira litterali li jrid il-konvenut**.

B'zieda mal-premess, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-fatt illi l-konvenut ghazel li jistaqsi jekk l-attur “*uzax*” Portomaso (“*use Portomasso*”) biex jiltaqa' ma' “*a*

[4] **Baturina v. Times Newspapers Ltd** [2011] EWCA Civ. 308.

*working girl*" u jfakkru f'din l-okkazzjoni, jirrendi iktar límpida l-insinwazzjoni li kienet qed issir bl-uzu ta' din l-espressjoni. Wara kollox, ma jaghmel l-ebda sens li wiehed jigi mfakkar li ltaqa' ma' mara li tahdem impjeg ordinarju gewwa lukanda. Il-korollarju ta' dan hu li l-messagg evidenti li jwassal il-konvenut bil-kumment tieghu huwa illi l-attur ltaqa' ma' prostituta jew *call girl* gewwa Portomaso u ghalhekk, l-uzu tal-kelma "*working girl*" fil-kuntest shih tal-istqarrija ppubblikata mill-konvenut, huwa allaccjabbli direttament mat-tifisra ewfemistika u kollokjali tal-kelma u cioe`, "*a prostitute: People say 'working girl' to avoid saying 'prostitute'*"[5].

Imbaghad, applikat dan ghall-fatt illi l-konvenut sawwar l-insinwazzjoni fl-ghamla ta' mistoqsija, il-Qorti tqis li l-ghamla ta' mistoqsija ma tnaqqas xejn mill-imputazzjoni. Ghall-kuntrarju, il-Qorti taqbel mal-attur illi insinwazzjonijiet li jsiru fil-forma ta' mistoqsija huma iktar insidjuzi u jzidu l-intensita` tad-*defamatory sting*[6]. Fir-rigward, gie ritenut:-

"*It is immaterial whether the defamatory imputation is conveyed by words of direct assertion or by suggestion, for insinuation may be as defamatory as an explicit statement and even more mischievous. Similarly words may be defamatory even though they are used in interrogative form*".[7]

Mizmum ferm dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li l-asserzjoni tal-konvenut illi huwa kien qed isaqsi lill-attur jekk iltaqax ma' mara li tahdem, hi assurda u tqis li din id-difiza hija kompletament frívola ghaliex hu evidenti li l-imputazzjoni maghmula minnu hija li l-attur iltaqa' ma' prostituta gewwa Portomaso.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-konvenut fil-*post* tieghu, staqsa lill-attur jekk jiftakarx li ltaqa' ma' prostituta gewwa Portomaso, il-Qorti trid tghaddi biex tiddetermina jekk l-

[5] Oxford Advanced Learner's Dictionary u Oxford Advanced American Dictionary.
[6] Ara sentenza citata mill-attur, moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-16.11.1989 – Dok. X, fol. 23 *et seq*.
[7] Gatley, *supra* : 3.18, p. 126, 127.

imputazzjoni li l-attur ltaqa' ma' *working girl* u uza Portmaso biex jiltaqa' maghha, hijiex kapaci li titqies bhala diffamatorja ghall-finijiet tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama[8]. Din id-dispozizzjoni tistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. Dan ir-rekwizit ta' hsara serja jew potenzjal ta' hsara serja, introdott ghall-ewwel darba permezz tal-ligi l-gdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruz u impenjattiv ghas-success ta' azzjonijiet ghal malafama, milli dak li kien rikjest taht il-Ligi tal-Istampa, Kapitolu 248[9].

Jinghad ukoll li dan il-kriterju m'huwiex marbut mal-*quantum* tad-danni likwidabbli f'kaz li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, izda huwa relevanti esklussivament ghas-success tal-azzjoni, sabiex jigi determinat jekk l-istqarrija impunjata ghandhiex titqies bhala diffamatorja jew le ghall-finijiet tal-Att. Il-Qorti tqis ukoll illi l-istharrig mehtieg mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar l-element tal-hsara serja, huwa wiehed li ghandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taht l-Att u dan mill-Qorti *sua sponte* minghajr il-htiega li titressaq eccezzjoni *ad hoc* fir-rigward u dan ghaliex il-kriterju jincidi fuq l-azzjonabbilita` tal-allegat malafama. Dan ifisser illi anke jekk jirrizulta li l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-kontestazzjoni kif prospettati mill-Att, ma jkunux fondati jew altrimenti ma jissodisfawx il-kriterji mehtiega mil-ligi ghas-success taghhom, l-azzjoni tista' xorta wahda tfalli t-test stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att jekk jirrizulta illi wara kollox il-pubblikazzjoni ma rrekatx u m'hijiex kapaci li tirreka, hsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ressqet l-azzjoni.

Konformement, dak li ghandu jigi kkunsidrat ghall-fini li jigi stabbilit jekk dan il-kriterju giex sodisfatt fil-kaz partikolari, huwa jekk il-pubblikazzjoni impunjata ikkagunatx hsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li tressaq l-azzjoni tal-libell, jew jekk fihiex il-propensita` li tirreka hsara serja lir-reputazzjoni tieghu. Dan l-effett

[8] Att XI tal-2018 - Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.
[9] Fi kliem Collins [On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56.], din ir-regola: *"… operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or is likely to suffer, serious reputational harm or, in the case of a body that trades for profit, serious financial loss."*

huwa riskontrabbli jekk fil-kaz partikolari, il-**pubblikazzjoni impunjata tolqot hazin u b'mod gravi u sostanzjali l-attitudni ta' persuni ohrajn fil-konfront tas-soggett tal-malafama, b'mod li tikkaguna jew hi kapaci tikkaguna hsara serja**. Fil-generalita` tal-kazi, ghall-fini ta' dan l-istharrig ikun jehtieg li ssir referenza, fost ohrajn, ghan-natura tal-imputazzjoni addebitata bil-pubblikazzjoni impunjata u ghall-mezz u l-firxa tal-pubblikazzjoni, kif ukoll ghandu jitqies jekk **il-kliem humiex kapaci fil-kuntest partikolari taghhom, ikunu diffamatorji ghal dik il-persuna partikolari**.

Skont il-Gatley:-

"*... whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before*."[10] [emfasi tal-Qorti]

Bhala parti minn dan l-istharrig:-

"*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant. The focus will be on the effect or potential effect of the statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant*."[11]

Fil-kaz tal-*post* in dizamina, il-Qorti ma taqbilx illi l-espressjoni uzata mill-konvenut tista' titqies bhala diskors normali jew semplici diskortesija ta' import zghir jew bhala cajta. Tant hu hekk, il-konvenut, immedjatament wara li staqsa lill-attur jekk hux minnu li ltaqa' ma' *working girl* u ghamel uzu minn Portomaso ghal dan l-iskop, ikkonkluda l-istqarrija tieghu billi fakkar lill-attur ("*Just to remind you*") li donnu huwa jaf bil-verita` tal-fatti imputati. Il-Qorti tqis li dan il-kliem jikkostitwixxi

[10] Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5.
[11] Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 154 7.32

**emfasi mizjuda intiza biex twassal messagg car u dirett** u biex teskludi wkoll li l-mistoqsija saret b'ton sarkastiku jew umoruz, anke l-isfond tal-post shih li, kif stabbilit, indirizza diversi mistoqsijiet b'soggett kontroversjali lill-membri tar-"*rebels group*".

Ghall-finijiet tal-ligi tal-malafama, il-kelma "reputazzjoni" ghandha tinftiehem f'sens wiesa' li jikkomprendi kull aspett tal-pozizzjoni li l-persuna tokkupa fis-socjeta`.

*"In ordinary English usage, reputation is 'the general opinion or estimate of a person's character'. ... Reputation is to be interpreted in a broad sense as comprehending all aspects of a person's standing in the community. ... Any imputation which reflects adversely upon a person's character, that is, which expresses or implies some blame to or moral disparagement of, the person – will tend to lower the person in the estimation of reasonable people."*[12]

Konsegwentement, gie ritenut illi t-test li ghandu jigi applikat huwa dak li jistabbilixxi jekk l-imputazzjoni twassalx ghal "*a loss of standing in some respect ... on the part of right-thinking members of society generally*"[13].

Huwa wkoll relevanti, anke ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-disa' eccezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tieghu dwar il-prova tal-hsara ghar-reputazzjoni, dak li jintqal mill-Gatley fir-rigward:-

"*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause*

[12] Collins, *supra*, 6.20 u 6.21. Ara wkoll **Berkoff v. Burchill** – per Neil LJ [1997] EMLR 139 (CA)
[13] Collins, *supra*, 6.29, pg. 123.

*others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation*."[14]

Dan ifisser illi mhux mehtieg li l-attur iressaq prova li huwa attwalment garrab hsara f'termini finanzjarji jew tangibbli jew li r-reputazzjoni tieghu ntlaqitx negattivament b'mod konkret bhala rizultat tal-allegat malafama. Konsegwentement, id-disa' eccezzjoni tal-konvenut ma tregix.

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni li ghandha quddiemha l-Qorti u li qed tigi impunjata f'din il-kawza, hija li l-konvenut jaf jew ghandu informazzjoni li l-attur mar ma' prostituta gewwa Portomaso[15].

Fir-rigward, Collins jghid hekk:-

Fid-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrija impunjata hijiex malafamanti, ghandu jittiehed qies tal-kuntest li fih saret "*and evolving social mores and opinions. Whether a statement is defamatory is assessed by reference to the standards of society as a whole and not sectional attitudes.*

…

"*Whether a statement is defamatory is assessed by reference not to the literal words used by the publisher* ***but to the imputation or imputations borne by, or the gist of, the statement****, taking into account innuendos that would have been conveyed to ordinary persons in the position of those to whom the statement was published*."[16] [emfasi tal-Qorti]

[14] Gatley On Libel and Slander, Twelfth Ed. [2013] 2.6, pg. 41.

[15] Ghalkemm, ghandu jinghad, mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li huwa sar jaf li l-attur kien imur fil-lukanda in kwisjtoni **wara** l-pubblikazzjoni tal-post tieghu.

[16] *Supra*, Collins, 6.07, p. 116.

Il-Qorti hi tal-fehma li anke f'socjeta` liberali bhalma hija s-socjeta` moderna Maltija, fejn qed isir ukoll dibattitu favur ir-regolarizzazzjoni ta' attivitajiet li fil-prezent huma illegali, fosthom il-prostituzzjoni, dan il-mestier ghadu kkunsidrat bhala attivita` li hija mhux biss illegali izda wkoll degradanti u ta' misthija. Il-Qorti tqis ukoll b'mod specifiku illi l-percezzjoni socjali ta' rgiel li huma midhla tal-prostituzzjoni, ghadha sal-lum wahda ta' stmerrija *multo magis* meta llum tezisti ferm iktar gharfien socjali dwar l-isfruttament ta' nisa vulnerabbli. Il-Gatley huwa tal-fehma illi "*... it is still capable of being defamatory of a man to say that he consorts with a known prostitute"*[17].

Ghalhekk, inevitabbilment, imputazzjoni li tassocja persuna – sija l-persuna li toffri dan is-servizz, kif ukoll il-persuna li jixtri s-servizz - mal-prostituzzjoni, hi kapaci u ghandha l-propensita` li twaqqa' l-gieh u r-reputazzjoni taghha ghaliex tkun qieghda tigi assocjata ma' *standards* morali baxxi u ma' attivita` illegali. Ghaldaqstant, l-istqarrija impunjata hi, fil-fehma tal-Qorti, wahda li b'mod generali, hi kapaci tikkaguna hsara serja lir-reputazzjoni u bhala tali hi azzjonabbli.

Ikkunsidrat;

Ill madanakollu, dan stabbilit, jinghad ukoll li bhala parti mill-istharrig dwar jekk l-imputazzjoni hijiex diffamatorja fil-kaz in dizamina, il-konsiderazzjonijiet kollha appena maghmula ghandhom jigu applikati **specifikatament fil-konfront u kwantu ghall-pozizzjoni partikolari tal-attur**. Dan ghaliex ghalkemm kif diga` stabbilit, l-imputazzjoni maghmula fl-istqarrija impunjata hi kapaci li tikkaguna hsara serja lir-reputazzjoni b'mod generali, il-kwistjoni li ghandha tigi determinata hi jekk **l-imputazzjoni hijiex effettivament diffamatorja meta indirizzata fil-konfront tal-persuna aggravata f'dan il-kaz l-attur Dr. Jason Azzopardi**.

[17] Ir-referenza hija ghall-kaz **Dewl v. Macmillan Publishers Limited** [2000] E.M.L.R 284 CA – footnote 301, p. 70.

Il-Qorti tibda bil-premessa li f'dan il-kaz, jirrizulta mill-*post* impunjat innifsu illi l-attur huwa membru parlamentari u gie indirizzat fl-istess pubblikazzjoni bhala tali. Huwa fatt notorju li l-attur ilu attiv fil-politika ghal diversi snin u ghalhekk bhala persuna pubblika huwa mistenni li jkun fil-mira ta' kritika, skrutinju u wkoll provokazzjoni mill-gurnalisti, kif ukoll mill-pubbliku in generali, b'rabta mar-rwol politiku tieghu. Huwa minnu wkoll illi l-limiti ta' kritika accettabbli huma ferm iktar wiesa' kwantu ghall-persuna politika li, konsegwentement, hija mistennija li turi iktar tolleranza ghall-kritika u espressjonijiet ta' opninjoni li jsiru fil-konfront taghha.

Fid-decizjoni taghha, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **Feldek v. Slovakia**[18], gie ritenut:-

"*74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61,ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance (see Lingens v. Austria, judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 26, § 42, or Incal v. Turkey, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54).*"

Huwa notorju wkoll illi l-attur ilu jipprattika l-professjoni ta' avukat ghal diversi snin. Madanakollu, fl-istess waqt il-Qorti tosserva illi l-imputazzjoni li ghamel il-konvenut fil-*post* tieghu, ghalkemm hija diretta fil-konfront ta' politiku u kwindi persuna pubblika, **ma ghandha x'taqsam assolutament xejn mat-twettiq tal-funzjonijiet pubblici tieghu jew ghall-kondotta tieghu fuq livell politiku jew professjonali jew mar-rwol tieghu fi hdan il-Partit Nazzjonalista. Dan diversament mill-mistoqsijiet indirizzati fil-konfront tal-membri parlamentari l-ohra msemmija**

[18] App. No. 29032/95, deciz 12 ta' Lulju 2001 ECHR.

**fil-*post* tal-konvenut**[19] **li jittrattaw materji ta' interess politiku generali**. Ghall-kuntrarju, l-imputazzjoni in dizamina ma tikkontribwixxi assolutament xejn ghal dibattitu ta' interess pubbliku generali[20].

Hu indiskuss, fil-fehma tal-Qorti, li imputazzjoni bhal dik maghmula mill-konvenut, m'hijiex dwar mera ksur ta' *etiquette* bhalma kienet tkun, per ezempju, imputazzjoni li l-attur abbuza mill-pozizzjoni pubblika tieghu biex jinghata servizzi, prodotti jew akkomodazzjoni minghajr hlas, izda hija tabilhaqq dwar ksur serju ta' kodici ta' kondotta fosthom dik tal-i*standards* dwar il-hajja pubblika[21]. Kif diga` nghad, l-insinwazzjoni li tohrog mill-mistoqsija maghmula mill-konvenut fil-*post* tieghu - liema mistoqsija hija evidentement imsawra biex tissuggerixxi lill-qarrejja tal-*post* li fiha element tajjeb ta' verita` - hi li l-attur agixxa b'kondotta morali baxxa li ma jixraqx lil persuni li jigu eletti biex jirrapprezentaw il-poplu fl-oghla istituzzjoni tal-pajjiz. **Ghalhekk, l-imputazzjoni indubbjament hi propensa tnaqqas il-kunfidenza jew il-fiducja pubblika fl-attur bhala persuna fil-politika u tiskreditaha fil-funzjoni pubblika taghha**. Dan meta l-kariga pubblika tal-attur tesigi grad sostanzjali ta' serjeta`, integrita` u kontabbilita`. Effettivament, din l-imputazzjoni, li hija dwar kondotta specifika li tissuggerixxi lill-qarrejja li l-attur agixxa b'mod xejn dinjituz, hi kapaci toskura b'mod serju l-istima tal-attur f'ghajnejn il-persuni li eleggewh u s-socjeta` in generali[22], kif ukoll twassal ghal certu element ta' stmerrija fil-konfont tieghu[23].

---

[19] Intqal in propositu illi *"… right-thinking members of society, for example, may understand attacks by politicians on one another, not imputing some base, dishonourable or dishonest motive or hypocrisy, to be fair game in the context of the modern political struggle."* – ara **Waterson v. Lloyd** [2013] EWCA Civ. 136, paras. 42, 66.

[20] Ara fir-rigward: **Petrina v. Romania**, deciza mill-Qorti Ewropeja fl-14 ta' Ottubru 2008:- *"45. Se in virtù del ruolo che le è devoluto la stampa ha effettivamente il dovere di avvertire il pubblico quando è informata di presunte malversazioni da parte di amministratori locali e di funzionari pubblici, il fatto di chiamare direttamente in causa delle persone determinate, indicando i loro nomi e le loro cariche, comportava per i giornalisti l'obbligo, nel caso di specie, di fornire una base fattuale sufficiente (Lešník c. Slovacchia, n. 35640/97, § 57 in fine, CEDU 2003-IV; Vides Aizsardzības Klubs c. Lettonia, n. 57829/00, § 44, 27 maggio 2004)".*

[21] L-Ewwel Skeda tal-Kap. 570 tipprovdi: *(1) Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa jew barra l-Kamra, iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputat*

[22] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*

[23] *"Thus, even bearing in mind that the applicant is a politician, who "inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large and must display a*

Ghalkemm, kif rajna, l-attribuzzjoni tal-kondotta partikolari jista' ma jkunx diffamatorju jekk tigi diretta fil-konfront ta' persuni ohrajn, l-attribuzzjoni ta' din il-kondotta lill-attur bhala membru parlamentari, hija indubbjament diffamatorja fil-konfront tieghu[24] ghaliex hi kapaci li tikkaguna hsara serja lir-reputazzjoni tieghu ai termini tal-Artikolu 3(4) tal-Att.

"*The public position or character of a claimant is relevant to whether words complained of bear a defamatory meaning*"[25]

Fir-rigward il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghad-diversi kazijiet ta' persuni fil-politika, partikolarment fir-Renju Unit u l-l-Istati Uniti, li matul is-snin kellhom jirrizenjaw mill-karigi taghhom wara l-pubblikazzjoni ta' allegazzjonijiet ta' adulterju *multo magis* allegazzjonijiet ta' rabtiet mal-prostituzzjoni[26].

Ikkunsidrat;

Illi ghandu jigi osservat li minkejja, kif stabbilit, l-imputazzjoni hi kapaci li tikkaguna hsara serja lir-reputazzjoni tal-attur, **il-konvenut naqas b'mod assolut li jressaq xi prova li l-imputazzjoni minnu maghmula ghandha xi fondament fil-verita`**. Il-Qorti tqis li l-fatt li saret akkuza diretta u specifika fil-konfront tal-attur b'referenza ghal ismu u l-pozizzjoni tieghu, jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jissostanzja l-imputazzjoni billi juri li ghandha bazi fattwali sufficjenti anke sabiex jikkonvinci lill-Qorti li huwa agixxa in *buona fede* meta ppubblika l-istqarrija impunjata. Izda dan il-konvenut m'ghamlux u la ressaq eccezzjoni f'dan is-sens u lanqas ma ressaq l-ebda prova kwalsiasi in sostenn tal-imputazzjoni li l-attur mar jiltaqa' ma prostituta gewwa Portomaso. Effettivament, il-konvenut imkien ma qal li huwa ghamel dik l-

---

*greater degree of tolerance" (see the Oberschlick (no. 2) judgment, cited above, § 29), the Court finds that the article at issue was indeed an understandable ground for indignation"* – **Andreas Walb v. Austria** [App. 24773/94] ECHR 21.3.2000.

[24] **Church v. MGN Ltd**, citat f'Gatley, 2.12, pg 47 (footnote 93).

[25] **Dell'Olio v. Associated Newspapers Ltd** [2011] EWHC 3472 (QB) Tugendhat J.

[26] Ara fost ohrajn il-kaz ta' **Eliot Spitzer** [2008] Gvernatur tal-Istat ta' New York; **Keith Vaz** [2016] Membru tal-Oppozizzjoni Laburista Renju Unit; **Mark Menzies** [2014] Membru Parlamentari tal-Gvern Konservattiv, Flyde.

imputazzjoni ghaliex hija l-verita` u imkien ma fisser l-ghala ghamel id-domanda impunjata hlief biex jghid li huwa kien jaf li l-attur kien imur fil-lukanda msemmija fil-*post* tieghu. Baqa' wkoll isostni sal-ahhar li huwa intitolat li jsaqsi din id-domanda ghaliex l-attur huwa persuna politika u b'hekk ghandu jaccetta parametri wiesa' ta' kritika u skrutinju[27].

Il-Qorti tqis illi l-fatt innifsu li l-persuna aggravata hija persuna pubblika ma jfissirx illi jistghu jsiru fil-konfront tieghu mistoqsijiet, allegazzjonijiet u imputazzjonijiet diffamatorji, b'impunita` u kif gieb u lahaq, wisq inqas fuq pjattaforma bhalma hija l-midja socjali li hi accessibbli minn firxa wiesa' ta' qarrejja. Ghalhekk ma tista' qatt taqbel mal-konvenut illi huwa kellu dritt li jaghmel din il-mistoqsija; ghall-kuntrarju ghall-Qorti hu manifest li l-mistoqsija ma saritx in buona fede. Anke jekk ghal mument, wiehed kellu jikkunsidra s-sottomissjoni tal-abbli difensur tal-konvenut li l-mistoqsija saret fl-isfond tal-krizi fil-Partit Nazzjonalista u l-attakki interni li kienu qed isiru kontra l-Kap tal-Partit ta' dak iz-zmien, dan ma jista' qatt iservi biex jaghti xehta ta' legittimita` lill-mistoqsija in dizamina li, fin-nuqqas assolut ta' prova li ghandha xi bazi fattwali, ma sservi l-ebda skop hlief li tipprova tiskredita` u timmina l-integrita` tal-attur fuq livell personali kif ukoll pubbliku. Il-jedd ghal-liberta` tal-espressjoni ma jista' qatt jigi interpretat bhallikieku hija licenzja biex jigu ppubblikati - jew li jaghti protezzjoni lil min jippubblika - imputazzjonijiet bla bazi u "*bla skop*"[28] li huma kapaci jew intizi biex ihammgu r-reputazzjoni ta' individwu.

Kif qal Lord Nicholls of Birkinhead fil-kawza **Reynolds v. Times Newspaper Limited and Others**, deciza mill-House of Lords fit-28 ta' Ottubru, 1999:

*"Protection of reputation is conducive to the public good. It is in the public interest that the reputation of public figures should not be debased falsely."*

## Likwidazzjoni tad-Danni

[27] Vide trattazzjoni finali tal-abbli difensur tal-konvenut, fis-seduta tal-15 ta' April 2021.
[28] Kliem il-konvenut fix-xhieda tieghu tal-24 ta' Frar 2021: *"Ma kelliex skop Sinjura jiena. Sur Maġistrat jiena ma kelliex skop."*

Stabbilit illi l-imputazzjoni maghmula mill-konvenut permezz tal-mistoqsija ppubblikata minnu hija diffamatorja fil-konfront tal-attur, hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni skont l-Artikolu 11 tal-Att.

F'dan il-kaz, il-Qorti qieset min-naha wahda, il-fatt illi d-dikjarazzjoni impunjata saret fil-konfront ta' persuna pubblika minghajr ebda rabta mal-kondotta tieghu fil-kariga pubblika jew il-ezercizzju tal-professjoni taghha; il-fatt li l-imputazzjoni giet pubblikata fuq pjattaforma tal-midja socjali li hi accessibbli fiha nnifisha minn numru indefinit ta' persuni u **b'mod partikolari il-fatt li l-imputazzjoni saret in malafede u ma sar l-ebda tentattiv biex din tigi sostanzjata b'xi provi; kif ukoll il-fatt li l-konvenut ma wera l-ebda disponibbilita` li jghaddi minn process ta' medjazzjoni biex jipprova jilhaq ftehim bonarju mal-attur ghall-fini tal-Artikolu 10 tal-Att**[29] u lanqas offra apologija lill-attur. Il-Qorti, izda, sejra tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi mill-provi jirrizulta li hemm qbil l-*post* malafamanti gie mhassar ftit wara li gie ppubblikat u ma ghadux accessibbli, ma giex ippruvat li kien hemm pubblikazzjoni lil firxa estensiva tal-pubbliku jew li r-reputazzjoni tal-attur sofrietx hsara attwali.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tillikwida s-somma ta' elf Euro (€1,000) in linea ta' danni morali.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur, tiddikjara li l-*post* imtella' fuq il-pagna tal-konvenut tal-Facebook fil-5 ta' Awwissu 2020, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas**

[29] Ara verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2020.

**lill-attur is-somma ta' elf Euro (€1,000) in linea ta' danni morali. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO (ft)**
**MAGISTRAT**

**Vera kopja**
**Marilyn Lauria Marmara**
**Deputat Registratur**